MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2002

Numru 66/2003

**Il-Pulizija**
**(Spett. Christopher Pullicino**
**Spett. Ramon Mercieca)**

**Vs**

**Faiz Omar Elsallak**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra:

L-imputat Faiz Omar Elsallak ta’ 33 sena bin Omar u Fatima nee’ Furgeni, imwieled Benghazi, nhar it- 3 ta’ awissu 1969 u joqghod Marlene, Flat 2, Triq Testaferrata, Msida. Karta’ ta’ l-identita’ nru 23784 (A).

Akkuzat talli:

1. F’dawn l-ahhar snin, f’diversi imkejjen f’dawn il-gzejjeer, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar- 4 u tas- 6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinex bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmijja giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta.

2. u aktar talli kiser il-provedimenti ta’ l-artiklu 9 tal-Kap 152 tal-ligijiet ta’ Malta ta’ sentenza datati 15 u 17 ta’ Ottubru, 2001 fejn int kont misjub hati ta’ reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xhar f’kull kaz;

3. u fl-ahharnett talli irrenda ruhu recediv ai termin tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema

sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni volontarja u ikkondizzjonata tal-imputat li fiha ippersista anke wara li l-Qorti taghtu zmien biex jirrifletti.

Wara li rat id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ukoll l-artikolu 22 ta-istess Kap u l-Art 9 u 10 tal-Kap 152 u 49, 50 u 289 tal-Kap 9 issibu hati. Tikkundanah sitt xhur prigunerija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------